MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Numru 121/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**VS**

**HUBERT CAMILLERI**

Illum 15 ta' Ottubru 2003

Il-Qorti;

Wara li rat l-akkuzi migjuba kontra Hubert Camilleri ta' 36 sena, iben Sydney u Rose xebba Borda, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Frar 1966, u residenti No. 84, Triq San Velentinu Balzan, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 87666M;

Talli fil-perjodu ta' bejn id-19 ta' Jannar 2001 u l-1 ta' Frar 2001, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' 24 E Talk, top up vouchers, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi in sostenn ta' l-allegazzjonijiet taghhom, il-Prosekuzzjoni tellghet in xhieda s-sussegwenti:

i) Andrew Pisani
ii) Kevin Bugeja
iii) Stefano Lucia
iv) Paul Bonello
v) John Fenech
vi) Robert Borg;

Kollha li xtraw xi e-talk card jew tnejn, minnghand l-imputat.

Illi fix-xhieda tieghu, l-imputat jichad li qatt seraq dawn l-e talk cards. Jixhed illi dawn xtrahom, in bona fede, minghand certu Robert Borg sabiex jghin hekk dan stess jibda business tal-kaxxi tal-loghob, wara li kien talab lill-imptat jsellfu l-flus.

Illi l-bona fede tal-imputat hija manifesti fis-sens illi ta wahda minn dawn il-cards lil missierhu u l-ohra lil martu.

Illi Robert Borg, bil-gurament, jichad illi huwa biegh dawn il-cards lill-imputat u jsemmi biss okkazzjoni wahda precedenti fejn huwa ghamilha ta' "go between" bejn wahda tfajla u l-imputat meta inbieghu kwantita' ta' cards lill-imputat.

Illi jirrizulta, sodisfacentement, illi dawn il-cards kienu fil-pussess ta' l-imputat u illi nbieghu minnhu lil terzi bil-prezz ta' bejn Lm8.50 u Lm10.

Illi skond l-imputat, huwa xtara dawn il-cards bil-prezz ta' Lm9 il-wahda u ma jirrizultax illi, komplessivament, huwa ghamel qliegh minnhom.

Illi l-bejgh ta' dawn il-cards b'dana l-prezz huwa, ukoll, konsonanti mal-versjoni ta' l-imputat ta' kif xtara dawn il-cards minghand Borg, u, ghalhekk, konsonante wkoll mal-fatt illi, jista' jkun, l-imputat ma' kienx jaf illi dawn il-cards kienu misruqa, kif, fil-fatt, irrizulta.  B'dina r-raguni, wiehed ma' jistax jghid illi l-imputat laqa', xjentement, ghandu dawn il-cards.

Qeghdin fil-kamp kriminali, u c-certezza hija kondizzjoni sine qua non sabiex tigi stabbilita reita' kriminali.  Dubbju ragonevoli jimmilita' favur l-imputat illi ghandhu jgawdi minnhu.  Il-versjoni tieghu kredibbli bizzejjed biex tisfoka c-certezza ciara u limpida rikjesta mil-ligi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat Hubert Camilleri mill-imputazzjonijiet lilu addebitati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------